# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

**Il-Ħamis 28 ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.50 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Frances Galea – Viċi Sindku (imejl anness)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU.72

72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 70 – 8 u Nru 71 – 8 (Laqgħa b'urġenza);

72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

72.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

72.5 Kors fil-First Aid;

72.6 Ħruġ tal-Offerti – Miżura 4.3, Miżura 4.4 u Triq Kalati;

72.7 Il-Pagament ta' Triq Skerla;

72.8 World Chridren's Day – 2017;

72.9 Dogs Park;

72.10 Milied – 2017;

72.11 Ilmenti u Suġġerimenti;

72.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2017;

72.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku nfurmatu permess ta' imejl (annessa ma dawn il-Minuti) li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba li ma kienetx tiflaħ.

## 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 70 – 8 u Nru. 71 – 8 (Laqgħa b'urġenza)

72.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 70 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, wara s-Sindku qara l-Minuti u Nru. 71 – 8 (Laqgħa b'urġenza). B'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra li kellha tintbgħat lill-Awtorita' tal-Ippjanar bl-oġġezzjoni biex jinbena farm tat-tiġieġ fi Triq tal-Lewż inkitbet u nbagħtet.

72.3.2 Is-Sindku nforma li l-Kunsill li rċieva risposta bil-miktub (ittra ffirmata) mingħand l-Onor. Jose Herrera, l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Justyne Caruana, l-Onor. Clint Camilleri l-Onor. Chris Agius fuq l-ittra li kien bgħat il-Kunsill dwar il-proġett ta' investiment privat biex jitratta l-islurray mill-irziezet f'Għawdex.

72.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-pendenzi fuq il-kont minn Miżura 323 għadu ma ġiex trasferit l-ammont neċessarju biex jitħallas l-ammont pendenti minn din il-miżura, li jammonta għal €6093.75ċ biex jitħallas il-Kuntrattur u b'hekk dawn il-kontijiet bankarji jkunu jistgħu jingħalqu.

72.3.4 Is-Sindku qal lill-Kunsill li l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lir-Reġjun Għawdex u dan nforma lill-Kunsilli Għawdxin b'Ċirkulari AKL 60 – Inizzjattia ta' tindif fil-Widien mill-Ministeru tal-Ambjent u l-Iżvillupp Sostenibli u Tibdil fil-Klima, il-Ministeru għat-Transport, Infrastrurttura u Proġetti Kapitali u l-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, li twaqqaf Task Force biex isir programm ta' Xogħolijiet halli jitneħħa l-iskart mill-wiedien madwar Malta. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat applika u talab l-għajnuna ta' dawn il-Ministeri biex jitnaddaf il-Wied ta' Mġarr ix-Xini iżda l-Kunsill ġie nfurmat li dan l-inizzjattiva hi għal Kunsilli Lokali ta' Malta biss u ssuggerixxa w ikkopja lil Eko Għawdex flimkien mad-DPD u CMU - Ministeru għal Għawdex dwar dan.

72.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kiteb lill-Ministru għal Għawdex dwar Triq Sannat fejn qal li fakkar li l-permess li kien sar suppost li ġie withdrawn iżda dan għadu fil-ħin opportun biex dan il-permess jibqa fis-seħħ għaliex qed jitolbu diversi affarijiet mill-Perit tal-MGOZ.

72.3.6 Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu flimkien mall-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru 2017 f'Malta attendew għal seminar interessanti mill-MEUSAC dwar Erasmus+. Is-Sindku stieden lill-Ambaxxatriċi biex tgħati dak it-tagħrif li ntqal waqt dan is-seminar. L-Ambaxxatriċi spjegat fil-qosor u qalet li l-applikazzjonijiet għal Youth Exchanges jgħalqu fl-1 ta' Frar 2018 u li jekk il-Kunsill japplika jkun qed jippromwovi aktar il-lokalita'.

72.3.7 Is-Sindku qal li ġie mistieden fuq programm televiżiv XIFT u li ser jiġu jiffilmjaw il-lokalita'.

72.3.8 Is-Sindku qal li rċieva imejl/ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita dwar proposta għal kunċert mill-Banda. Hu qara din l-ittra u l-Kunsill ser jara minn fejn jista jibbenefika l-fondi biex dan il-kunċert ikun jista jsir.

72.3.9 Is-Sindku qal li l-active Ageing Unit ser torganizza kors qasir fil-kompjuter. Dan ser jibda minn għada il-Ġimgħa 29 ta' Settembru u ser isir kull nhar ta' Ġimgħa fis-sala tal-Kunsill u li jikkonsisti f'erba' lezzjonijiet.

72.3.10 Is-Sindku qal li nhar it-13 ta' Settembru 2017 attenda għal konferenza ministerjali fil-Ministeru għal Għawdex dwar Waste Management Gozo. Hu qal li waqt din il-laqgħa qajjem diversi punti fosthom l-islurray u li hemm bżonn li tiġi ndirizzata l-problema li naffaċċjaw mill-iskart domestiku tal-appartamenti u l-farmhouses mikrija lit-turisit barranini li ma jgħixux permanenti fil-lokalita' u l-gżira Għawdxija.

72.3.11 Is-Sindku qal li hu ser jattendi għal Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali li ser issir nhar is-Sibt li ġej 30 ta' Settembru 2017.

72.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ottubru 2017 ser jattendi għal laqgħa tar-Reġjun Għawdex.

72.3.13 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bgħatet imejl dwar konferenza li ser issir bejn il-21 u 24 ta' Novembru 2017 għall-ewwel darba f'Malta dwar Commonwealth Local Government Conference bit-tema Fit for the Future: resources and capacity for effective local government.

## 72.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

72.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand l-Assocjazzjoni u li din ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri dwar proposti dwar l-iskema tal-ħaddiema assenjati mall-Kunsilli Lokali u li r-Reġjun Għawdex għamel l-interventi tiegħu dwar dan.

72.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bgħat imejl lill-Uffiċjal inkarigat mill-Co-finanacing tal-applikazzjoni tal-ġemellaġġ li kien sar f'Settembru – Ottubru 2016 biex jara f'hiex waslet din l-applikazzjoni. Hu qal li l-Uffiċjal bgħat lura li tlesta l-kuntratt u dan ġie iffirmat din il-ġimgħa minnhu u mis-Sindku.

72.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva imejl mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-sitwazzjoni fil-Playing field fi Triq Marziena b'għadd ta' nuqqasijiet b'ritratti meħuda u li dawn kienu ħtieġa ta' aktar indafa, ħtieġa li jitranġaw il-globi tad-dawl miksura, ħtieġa ta' żebgħa lill-bankjiet u biex jitwaħħlu xi kurduni maqlugħa b'vendikazzjoni minn xi ndividwi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu flimkien mas-Sindku ħadu azzjoni mill-ewwel u kellmu lill-Kuntrattur dwar dan biex dawn ix-xogħlijiet isiru fl-iqsar żmien possibli kif fil-fatt sar. Is-Sindku qal li d-Dipartiment kien skorret għaliex il-Kuntrattur qed jgħamel xogħlu sewwa u li

dan kien xi ndividwu li ried jgħamel rapport dwar dan.

72.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva mid-DLG li s-Sinjura Sarah Formosa nħatret Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett mis-6 ta' Settembru 2017. Is-Sinjura Formosa ingħatat struzzjoni mid-Dipartiment biex taġixxi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mill-14 ta' Settembru sal-Ħadd 24 ta' Settembru 2017, peress li hu ma setgħax jaġixxi. Dan sar skont Artiklu 50 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363) u Regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.20 [(Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani)]

72.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl mingħand Transport Malta fejn dawn infurmawna li sar ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mad-Direttur tad-DLG biex il-Kunsilli Lokali ma joħorġux permessi biex jingħalqu jew isiru interventi fit-toroq mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7.00 a.m. u d-9.00 a.m. biex jitnaqqas l-kongestjoni tat-traffiku specjalmenti ħdejn l-iskejjel f'inħawi fejn jinġema ħafna traffiku.

72.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar l-Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv 2017 tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar is-Sibt 14 ta' Ottubru 2017 bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 am, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali fejn dak inhar il-Kunsill Lokali ser ikun magħluq għal pubbliku nġenerali peress li dan il-post ser ikun post għal votazzjoni.

72.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva imejl mingħand il-Communications Cordinator fi ħdan l-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fejn talbu s-suġġerimenti u l-proposti tagħna għar-riforma fi ħdan il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill għandu jibgħat ir-risposta tiegħu fejn jitlob aktar allokazzjoni finanzjarja peress li l-Kunsill għandu sfidi ġodda li ma humiex ibbaġitjati u rigward spejjes oħra.

72.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 24 /2017 | Tibdil fil-website uffiċjali tal-Kunsilli Lokali |
| Nru. 25/2017 | Seminar dwar il-preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji għall-2017 (Direttiva Numru 1/2017) |
| Nru. 26/2017 | Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali |
| Nru. 27/2017 | Ġurament li jittieħdu minn Kunsillieri |

## 72.5 Kors fil-First Aid

72.5.1 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill qabel li jsir il-kors fil-First Aid bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Drammatika Sannat għal dan kien hemm tmin parteċipanti li applikaw u attendew. Dan il-kors sar fis-sala tal-Kunsill mill-ERRC u ntemm b'suċċess nhar il-Ħadd 24 ta' Settembru 2017, peress li l-istudenti li attendew għaddew kollha minn dan il-kors.

## 72.6 Ħruġ tal-Offerti – Miżura 4.3, Miżura 4.4 u Triq Kalati

72.6.1 Is-Sindku qal li hu talab lil Perit Scerri biex jħejji l-ispeċifikazzjonijiet u l-Bill of Quantities biex il-Kunsill ikun jista joħroġ l-offerti marbuta ma xogħolijiet fi Triq Kalati. Hu qal li għandhom jiġu ppreparati l-offerti minn Miżura 4.3 li jikonsistu fuq uċuħ ġodda f'toroq ta' Triq Bardan, Sqaq fi Triq Xamgħan u Sqaq Ta' Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenċ. Hu qal ukoll li għandha tiġi ppreparata l-offerta minn Miżura 4.4 li tikkonsisti f'bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq tal-Gruwa u fi Triq Bardan. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 72.7 Il-Pagament ta' Triq Skerla

70.7.1 Il-Kunsill qabel li wara li tlesta x-xogħol fuq Triq Skerla f'Lulju 2016 u l-Kuntrattur riċenti ppreżenta l-kont u li dan ġie ċċertfikat mill-Perit, kien imiss li l-Kunsill jibda jħallas lill-Kuntrattur kif kien stipulat fil-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li wara li ħa l-parir mingħand l-Accountant fejn l-Kunsill jista joħroġ l-ammont ta' €25417.46 u mhux il-50% kif kien suppost li jsir fil-kuntratt dan minħabba l-cashflow tal-Kunsill. F'kas li din il-cashflow tkun fi stat tajjeb sal-aħħar tas-sena, l-Kunsill ikun jista jħallas l-parti l-oħra tal-ewwel pagament sħiħ. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 72.8 World Children's Day

72.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-sena l-Kunsill għandu jorganizza l-attivita' World Children's Day b'risq il-Malta Community Chest Fund nhar il-Hadd 19 ta' Novembru 2017, dritt wara l-quddiesa tat-tfal tal-10.30 a.m., fi Pjazza Santa Margerita fejn isir logħob divertenti u festa għat-tfal fejn tingħata d-dinjita' tagħhom. Dan dejjem jekk it-temp jippermetti. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġerit li ssir Fun Science Corner u li ngħamlu kuntatt mad-Direttriċi tal-Edukazzjoni għal Għawdex sabiex nikkoperaw flimkien u anke tissuġerilna xi team ta' għalliema li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal din ir-rokna xjentifika u fejn anke nistgħu nirreklamaw dan l-avveniment b'mod iktar mifrux.

## 72.9 Dogs Park

72.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu tkellem mas-Segretarju Parlamentari għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Clint Camilleri fejn ġie diskuss biex isir l-ewwel Dogs Park fil-gżira Għawdxija fil-lokalita' Ta' Sannat. Dwar dan għandu jerġa jiltaqgħa biex dan il-proġett jiġi diskuss f'aktar dettal.

## 72.10 Milied - 2017

72.10.1 Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija għal żmien il-Milied, għandhom isiru iż-żjarat lir-residenti anzjani tal-lokal u tingħatalhom kaxxa ġallettini f'dan iż-żmien. Kien hemm qbil li Triq Sannat tiġi mżejna b'dawl dekorattiv u li l-Ministeru għal Għawdex għandu jerġa jintalab biex bħal dawn l-aħħar snin terġa tinxtegħel is-siġra l-kbira tal-Awrikarja fi Pjazza Santa Margerita. Hu qal li fi żmien il-Milied għandha tiġi organizzata attivita' għat-tfal u li ssir ħarġa għal anzjani.

*Fit-3.02 p.m. il-Kunsilliera Cassar Sultana talbet li tiġi skużata u tħalli l-kamra tal-laqgħa peress li kellha funeral.*

## 72.11 Ilmenti u Suġġerimenti

72.11.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur Angelo Bonello (Instructor) fejn ssuġġerilu biex f'Ta' Sannat isiru 2 korsijiet wieħed fl-Aerobics u l-ieħor fil-Yoga/Pilates. Is-Sindku flimkien mall-Kunsill qalu li huma jaqblu ma dan it-tip ta' eżeċizzju fiżiku biex fil-lokalita' dejjem tiġi mnaqqsa l-obeżita bil-piż żejjed. Għalhekk il-Kunsill għandu jkellem lill-Kap tal-iskola biex dawn il-korsijiet ta' 10 lezzjonijiet kull wieħed ikunu jistgħu jsiru fil-grawnd iż-żgħir tat-turf u meta t-temp ma jkunx jippermetti jsiru fis-sala tal-istess skola. Il-Kunsill qabel ma dan.

72.11.2 Is-Sur Steve Talbot qed jitlob li tissolva l-problema tal-ħinijiet x'ħin tixgħel u taħdem il-funtana li hemm fi Triq L-Isqof Davide Cocco Palmeri u li din tiġi mnaddfa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qabbad electrician biex jirranġa t-timers tal-funtana u qabbad ukoll lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill biex inadfu din il-funtana.

72.11.3 Is-Sur Giovann Buttigieg qed jiġbed l-attenzjoni tal-ħmieġ u skart li qed jinġemgħa ħdejn il-bring in sites specjalment dawk ta' Triq Xamgħan. Il-Kunsill bil-għajnuna tal-kumpanija GreenPak waslu biex jiġu nstallati cameras apposta biex dan l-aġir ma jibqax isir.

72.11.4 Is-Sur Stephen Abela qed jitlob lill-Kunsill biex isir xi tip ta' rampa mill-bankina jew xi sinjali tat-traffiku fl-art biex ma jsirx parkeġġ quddiem id-dar parrokkjali għal persuni bi bzonnijiet speċjali biex ikunu jistgħu jidħlu f'din id-dar mingħajr l-ebda ostaklu. Il-Kunsill għandu jara x'hemm bżonn li jsir dwar dan.

72.11.5 Mons. Sciberras kiteb lill-Kunsill fejn ġibed l-attenzjoni li hemm ħajt perikoluż fi sqaq fi Triq Xamgħan u li dan twaqqa minn xi vandali fil-ġnien tad-dar tiegħu, nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2017. Dan il-ħajt kien inbena fuq it-triq mill-ewwel Kunsill mwaqqaf biex jiġi evitat il-periklu tat-tfal li jattendu d-duttrina. Għalhekk il-Kunsill iħoss li hu fl-obbligu li jibni dan il-ħajt biex jevita kull periklu lil kull min jgħaddi minn din it-triq.

72.11.6 Il-Customer Care Section fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex infurmat lill-Kunsill b'tabella Saguna Cliffs li spiċċat bl-elementi naturali u li din trid tinbidel. Il-Kunsill qabel li jibdel din it-tabella.

72.11.7 Xi residenti qed jilmentaw dwar patching fi Triq Saguna. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Perit biex jara x'jista jsir lil din it-triq u jara kemm ser tiġi tiswa.

72.11.8 Anthony Sciberras qed jissuġġerixxi li fi Traffic island fi Triq Ta' Ċenċ għal Triq Dun Luqa jeħlu traffic Signs b'arrows, dan peress li s-sewwieqa mhux qed jikkalkulaw is-sinjali ta' mal-art give way u slow sign.

72.11.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie nfurmat mill-ħaddiema assenjani mall-Kunsill li fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus insterqet tabella fuq pole Death End. Il-Kunsill qabel li din ghandha terġa ssir.

72.11.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie nfurmat b'tabella No Stopping nieqsa minn mall-ħajt tal-iskola fi Triq Sannat.

72.11.11 Is-Sindku qal li fid-daħliet ta' Pjazzetta tax-Xelina għandhom isiru sinjali tat-traffiku Slow biż-żebgħa fl-art.

72.11.12 Is-Sindku qal li fi Triq tal-Gruwa fejn saret il-Black Spot sign hemm bżonn li jsiru sleeping police. Il-Kunsillier Bajada qal li jekk dawn jeħlu n-naħa ta' fuq ser tkun problema għax dak li jkun x'ħin jgħaddi minn fuqhom ser jaqbad in-niżla u jista jkun ta' aktar periklu.

72.11.13 Il-Kunsillier Bajada talab li ssir n shape tal-ħadid quddiem il-bankina tad-dar fi Triq Saguna peress li l-bankina hija waħda għolja. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

72.11.14 Is-Sindku qal li xi ġenituri avviċinawħ u qalulu jekk hux possibli li jsir is-servizz ta' transport għat-tfal wara l-ħruġ mill-iskola fis-2.30 p.m. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta kien isir dan is-servizz id-Dipartiment kien talab permezz ta' Memo 31/2010 li jitwaqqaf li jsir. Apparti dan hu qal li jekk isir irid ikun hemm ukoll is-servizz ta' childminder u b'hekk l-ispiża ser togħla. Is-Sindku talab biex il-Kunsill jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jara jekk dan is-servizz jistax isir.

72.11.15 Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li fi Pjazza Santa Margerita faċċata tal-isqaq fi Triq Xamgħan isir no parking bay. Dan għaliex qed isir imblokk lil dan l-isqaq meta jsir parkeġġ quddiemu. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 72.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

72.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 9/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 72.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

72.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 19 ta' Ottubru 2017, fit-3.00 p.m.

Konfermati, illum 19 ta' Ottubru 2017.

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |